# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Novembru, 2001**

**Avviz numru : 17/2001GT(GM)**

Carmel sive Charlie Azzopardi

-vs-

Roger Micallef

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Fis-Sajf tas-sena elfejn (2000), l-attur kien biegh lill-konvenut safe starter tal-vettura Van tat-tip Peugeot 504 bil-prezz miftiehem bejn l-attur u l-konvenut ta' erbghin Lira Maltin (Lm40). Dan is-safe starter kien hadu l-konvenut stess minn ghand il-mechanic George Xerri minn fuq karozza proprjeta tal-attur illi kienet ghand il-mechanic fuq imsemmi. Ghalkemm l-attur talab lill-konvenut sabiex ihallsu l-ammont dovut lilu, u ghalkemm il-konvenut dejjem wieghed lill-attur illi ser ihallsu, il-konvenut baqa' inadempjenti.

L-attur ghaldaqstant jitlob illi l-konvenut ihallsu l-ammont dovut lilu u l-imghaxijiet fuq l-istess ammont mid-data tal-ittra ufficjali spedita kontra l-konvenut fil- ta' Novembru tas-sena elfejn (2000). Bl-ispejjez tal-prezenti procedura u tal-ittra ufficjali imsemmija."

Ra r-riferta imnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz izda la pprezenta risposta u l-anqas deher ghas-seduti mizmuma mit-Tribunal.

Sema' d-depozizzjoni guramentata tal-attur imnejn jirrizulta li s-sorte kollu thallas fil-mori tal-kawza izda fadal l-ispejjez tal-proceduri;

Ikkunsidra

Illi jirrizulta illi din il-kawza saret gustament minhabba n-nuqqas ta’ hlas da parti tal-konvenut ta’ dak li kien minnu dovut skond kif jinghad fl-avviz tat-talba;

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara l-mertu ezawrit izda jilqa’ t-talba tal-attur ghall-ispejjez ta’ din l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta’ Novembru 2000.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur

(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

**Ghar-Registratur**